MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 22/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 23 ta' Novembru 2010 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie ppublikat nhar it-Tlieta, 16 ta'Novembru 2010. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 21/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Ftehim mal-'Marina Home' għal skopijiet ta' Centru ta' Matul il-Jum.
6. Laqgħa mal-Awtorita tad-Djar.
7. Skeda ta' *resurfacing* ta' toroq fis-sena 2011.
8. Kampanja edukattiva dwar il-ġbir ta' skart.
9. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
10. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
11. Affarijiet oħra jekk urġenti.
12. Aggornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 22/K6/2010

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 20/K6/2010

817. Dwar minuta 795, C Selvaggi qal li għanda tiżdied sentenza fl-aħħar tal-minuta illi tgħid: 'Pero jkun aħjar jekk din tiġi iċċertifikata min espert'.

818. Dwar minuta 795, E Brincat qal li l-ewwel sentenza għanda tiġi taqra: 'Dwar minuta 773, C Selvaggi qal li mar waħdu, **wara li kien tkellem ma E Brincat**, ikellem lis-sid tar-rampa…'

819. Dwar minuta 798, C Selvaggi qal li għanda tiżdied sentenza fl-aħħar tal-minuta li tgħid 'Huwa irringrazzja lil M Xerri'.

820. E Brincat qal li għanda tiżdied minuta 801(b) li tgħid: 'E Brincat daħal lura fil-laqgħa. Ħin: 19.15'

821. Dwar minuta 802(a), E Abela qal li l-kelma 'tingħata' għanda tinbidel u ssir 'jingħata'.

822. Dwar minuta 802(b), M Agius qal li għanda tiżdied sentenza fl-aħħar tal-minuta li tgħid 'Minħabba diversi applikazzjonijiet, M Agius qal li għandu jkun hemm *policy* u li nkunu koretti fuqha'.

823. Dwar minuta 813, M Agius qal li l-kelma 'sarta' għanda tiġi 'ħsara'.

Punt 2 Materji mill-Minuti

824. Dwar minuta 784, C Selvaggi saqsa saritx il-laqgħa msemmija mal-kuntrattur tat-toroq. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

825. Dwar minuta 785, M Agius saqsa fiex wasal il-permess tal-fetħa ta' Triq Victor Denaro. Is-Segretarju qal li għadna qed nistennew il-permess mill-MEPA.

826. Dwar minuta 788, M Agius qal li s-Segretarja tal-Ministru qalet li ħa tkellem lill-Ministru fuq il-materja.

827. Dott. Grima qal li għanda issir *light bollard* fis-*central strip* ta' Rue D'Argens. Is-Segretarju qal li ser jordna, filwaqt li qal li għadu qed jistenna il-pjanta mill-Perit biex isiru l-emendi f'din l-istess *central strip*.

828. Dwar minuta 794, Dott. Grima saqsa f'xiex wasalna. Is-Segretarju qal li wara li ntbgħatet l-ittra, d-Dipartiment tal-Artijiet jidher li ma sabux is-*site plan* li kienet mgħemuża mal-istess ittra. L-ittra ser terġa tintbgħat.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

829. Dwar minuta 795, fuq ir-rampa ta' Triq l-Universita, C Selvaggi qal li ser nirċievu petizjoni. C Selvaggi qal li meta hu kien mar ikellem lis-sid li għamel ir-rampa, dan l-istess sid kien qallu li s-Sindku iddiriġieħ biex jaqbad u jgħamila, minflok jibgħat il-pjanti għall-approvazjoni tal-Kunsill. Is-Sindku innega dan kollhu. Is-Sindku qal, li huwa kien qallu li d-deċizjoni finali hija tal-Kunsill. C Selvaggi hawn qara' estratt mil-petizjoni.

830. L-Aġenda ġiet sospiża fil-17.59, sabiex issir laqgħa bejn il-President tar-Reġjun, Dott. Malcolm Mifsud u l-Kunsill, dwar il-ħidma tar-Reġjun Centrali.

831. Il-Kunsill kompla bl-aġenda tal-laqgħa. Ħin: 18.28

832. Dwar minuta 796, Dott. Grima saqsa jekk xi Kunsillier kellimx lil tal-Klabb tal-Futbol dwar ir-rampa li kienu talbu biex issir. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. C Selvaggi qal li fuq dawn ir-rampi irridu nimxu ma dak rikjest mil-liġi.

833. Dwar minuta 797, Dott. Grima saqsa sarx ir-rapport. Is-Segretarju qal li sar rapport dwar ħajt perikoluż taħt il-*bridge* ta' riq San Lwiġi, u qal li r-rapport ta' fejn il-ħwienet ta' Jhonsons ma sarx peress li ma jafx preċiżament fejn qiegħed il-periklu. E Abela qal li l-akbar periklu jinsab wara l-Bus Stop.

834. Dwar minuta 807, C Selvaggi qal li ħa nispiċċaw noħorġu l-akbar ammont ta' fondi għall-inizjattiva mil-fondi tal-Kunsill. Is-Segretarju ikkonferma, filwaqt li qal li ser jiprova jaħdem biex iġib ammont akbar ta' ko-finanzjament, avolja dan kellhu isir qabel.

835. Dwar minuta 810, Dott. Grima saqsa kienx hemm progress. Is-Segretarju qal li l-Ministeru kull ma bgħatu *acknowledgement*, imma baqgħu ma għamlux it-tiswijiet fejn hemm il-periklu.

836. Dott. Grima saqsa meta ser isiru t-tabelli fi Triq it-Torri. Is-Segretarju qal li ser isiru il-Ħamis. Dott. Grima fakkar lill-Kunsill biex jaħdem fuq il-ftuħ ta' Triq ta' Xmiexi ma' Triq San Lwiġi.

837 (a). Dwar minuta 813, M Agius saqsa jekk sarx xi rapport. Is-Segretarju qal li l-kompetenza għal dawn it-tiswijiet hija ta' Transport Malta, u filfatt sar rapport permezz ta' e-mail lill-Manager tas-sezzjoni ta' Manutenzjoni, l-Perit Daniel Cordina. It-tiswijiet neċessarji iżda għadom ma sarux, kompla is-Segretarju.

837 (b). Dott. Grima qal li għandu isir protest ġudizjarju fuq din il-materja. Il-Kunsill qabel. M Agius fakkar ukoll dwar it-talba tiegħu biex naraw jekk id-dawra madwar l-Universita tistax issir *Pedestrian Priority*. Is-Segretarju qal li qed jevalwa l-policy fuq din il-materja, filwaqt li ħa jkun qed ikellem lil-Perit aktar fil-fond dwara.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

838. Dwar minuta 814, C Selvaggi saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija fuq l-materja, li għaliha ma attenda ħadd ħlief is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li f'din il-laqgħa qajjem din il-materja, dwar il-ħażna ta' *fuel* fil-bini tal-AVIS fi Triq Xatt l-Imsida. Is-Sindku qal li l-Pulizija għamlu spezjonijiet mal-Korp għal Protezjoni Civili, u li d-Direttur tal-AVIS produċa d-dokumenti li ġew mitluba. Jidher hawn illi huwa qiegħed preżentament *in regola* peress illi l-Awtorita Maltija għar-Riżorsi għada qed tiproduċi *standards* dwar din il-materja. Meta l-Pulizija tkellmu ukoll mal-MRA, huma ftehmu u kelmu lil tal-AVIS biex jirregolaw ruħhom fuq materji ġodda sa tmiem din is-sena. M Agius saqsa tkellmux dwar il-parking. Is-Sindku qal li ijwa, u li jikkonferma illi filgħaxija l-kumpanija AVIS mhux tħalli karozzi ipparkjati fuq barra.

839. C Selvaggi saqsa lis-Sindku għala talab għall-indirizz tal-lok ta' Jhonsons dwar il-ħażna ta' gas. Is-Sindku qal li l-Pulizija għandhom bżonn indiriżż preċiż ta' fejn qed isir dan l-allegat ksur tal-liġi biex ikunu jistgħu jinvestigaw. Is-Sindku qal li l-familja Jhonsons għanda kważi triq sħiħa propjetajiet, u mingħajr indirizz preċiż ma tistax issir spezzjoni mill-Pulizija kif suppost. C Selvaggi qal li kien sorpriz bid-domanda. Is-Sindku qal li rapporti iridu jsiru b'aktar mod deskrittiv.

Punt 3 Korrispondenza

840. 1656; 1736 – Is-Segretarju qara' l-korrispondenza. Il-Kunsill qabel dwar il-mod kif is-Segretarju wieġeb għal Mistoqsija Parlamentari. Jidher iżda illi l-Prim Ministru interpreta ħażin t-tweġiba tal-Kunsill. Il-Kunsill ikkonferma li ser ikun qed jaħdem mal-Kumitat tas-Sajjieda biex issir *bye-law* biex l-iskall ikun jista jinżamm nadif u organizzat.

841. 1749 – Is-Sindku qara' l-korrispondenza. Il-Kunsill qabel illi hemm ħafna materji bħal dawn, fejn il-Kunsill għamel l-ilmneti tiegħu f'isem ir-residenti mal-Awtoritajiet tal-Gvern, u l-ilmenti jidher li waqgħu dejjem fuq widnejn torox, għax jibqa ma isir xejn. Is-Sindku u l-Kunsill qablu li isiru rapporti dettaljati ta' dawn l-ilmenti, u li dawn jintbgħatu lill-Ministri responsabli, inkluż il-Prim Ministru, Dott. Chris Said u d-Deputati kollha tad-Distrett.

842. 1712 – Is-Sindku qara' l-ittra min Transport Malta u t-tweġiba tas-Segretarju. Il-Kunsill ilmenta dwar t-traskuraġni u nuqqas ta' organizzazjoni ta' Transport Malta f'din il-materja li issa ilha għaddeja snin.

843. 1715 – Is-Sindku qara' l-ittra. M Agius u E Brincat proponew li niktbu lir-residenti tat-triq jekk jaqblux ma din it-talba qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi. Il-Kunsill qabel.

844. 1705 – Is-Segretarju spjega l-korrispondenza. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar

845. Ic-Chaiperson qalet li bħala attivita ta' ġbir ta' fondi għal Malta Community Chest Fund ser issir attivita ta' logħob tal-futbol fil-grounds tal-Kuleġġ San Martin fis-Swatar. Hija stiednet il-Kunsilliera biex jattendu.

846. Ic-Chairperson tkelmet ukoll dwar il-bżonn ta' Reserved parking bay għal persuni b'diżabilta viċin ir-'Rumparound'.

Punt 5 Ftehim mal-'Marina Home' ghal skopijiet ta' Centru ta' Matul il-Jum

847. Il-Kumitat qal li wara laqgħat li għamel ma sid il-Marina Home, huma qed jipproponu dan li ġej:

a) Illi jekk la darba l-MEPA tgħati permess biex jitella s-sitt sular tal-Marina Palace Home, l-Kunsill Lokali, bħala *planning gain*, ikun jista juża l-*ground floor* tal-Marina Palace Home bħala Centru ta' Matul l-Jum għal tal-inqas darba fil-ġimgħa.

b) Illi l-ispejjeż ta' dawl, ilma, telefon, televizjoni, kċina, attrezzi, mobbli u tindif ikunu kollha a karigu tal-amministrazzjoni tal-Marina Palace Home.

c) Illi l-ispejjez għat-tmexxija ta' attivitajiet fiċ-Centru, ikel u xorb ikunu kollha a karigu tal-Kunsill Lokali.

848. Il-Kunsill qabel illi isir dan il-ftehim.

Punt 6 Laqgħa mal-Awtorita tad-Djar

849. Is-Sindku spjega li wara li saret laqgħa mal-Awtorita tad-Djar, ġew diskussi tlett temi:

a) Manutenzjoni tal-Housing Estates – Is-Sindku qal li huwa l-ħsieb tal-Gvern Centrali u l-Awtorita tad-Djar illi l-manutenzjoni tal-komun tal-Housing Estates tibda issir mill-Kunsilli Lokali.
b) Proġett ġdid għal Lokalitajiet b'Housing Estates – Is-Sindku qal li hemm fondi ta' €75,000 għal kull lokalita li toħloq proġett sostenibli għal inħawi tal-Housing Estates. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jirriflettu fuq il-possibiltajiet ta' x'jista jsir, peress li l-applikazjoni uffiċjali x'aktarx trid issir f'Frar 2011.
c) Bini ta' Housing Gdid fi Triq il-Wied – Is-Sindku qal li l-Awtorita tad-Djar ma għandiex il-fondi, u ma għandiex pjan sa issa biex tibni l-Housing Estate fi triq il-Wied.

Punt 7 Skeda ta' *resurfacing* ta' toroq fis-sena 2011

850. Is-Sindku propona illi la darba l-kuntratt tal-PPP ġie mgħoti u li l-fondi min naħa tal-Kunsill huma approvati u diġa allokati, jgħamel sens illi l-għluq u bini ta' triq Prinċipessa Margerita jibda, possibilment f'Jannar 2011. Is-Segretarju qal li

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

dan kollhu jiddependi mill-Korporazjoni għas-Servizzi tal-Ima, peress li dawn għadom ma ikkonfermawx jekk hemmx bżonn issir manutenzjoni fil-main tal-ilma u drenaġġ tat-triq. Il-Kunsill qabel li sa ma nistennew għat-tweġiba tal-Korporazjoni għas-Servizzi tal-Ilma, nilħqu niktbu lil ħwienet sabiex jgħażlu rapreżentant, biex ikun jista jikkonsulta mal-Kunsill fuq ix-xogħlijiet li għandhom isiru.

Punt 8 Kampanja edukattiva dwar il-ġbir ta' skart

851. Il-Kunsill qabel li jerġa jintbgħat fuljett informattiv fid-djar kollha madwar l-Imsida, sabiex ninfurmaw lir-residenti dwar il-ġbir ta' skart riċiklat nhar ta' Tlieta.

852. Il-Kunsill qabel ukoll illi isiru *stickers* dwar il-ġbir ta' skart fl-Imsida, sabiex jeħlu fil-flats madwar il-lokal.

Punt 9 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

853. Dott. Grima saqsa fuq pagament numru 36. Is-Segretarju qal li dak grupp Għawdxi li kien ġie idoqq fil-festival 'F'Xatt l-Imsida' u li dan il-pagament kien diġa approvat.

854. Dott. Grima saqsa fuq pagament numru 43. Is-Segretarju qal li s-Sindku talbu jgħamillu aktar *business cards*.

855. Dott. Grima saqsa fuq punt numru 53. Is-Segretarju qal li qabel ma tressaq dan il-kont saret laqgħa dwaru mad-Direttur Bugelli, fejn huwa qajjem il-materji li kienu ġa ġew diskussi fil-Kunsill dwar dan il-kont. Id-Direttur qal illi la darba dan jgħamel parti mil-budget tas-sena u li l-ammont jiġi dak ta' *direct order*, mela ma hemmx raġuni għala ma għandux jiġi approvat. Dott. Grima qal li mhux ħa japprova, għax skond hu l-approvazjoni ma kienetx saret skond il-liġi. M Agius qal li fil-Kumitat qatt ma issemiet is-somma ta' €1100.

856. Is-Sindku ressaq għal vot fuq pagament numru 53.
**Favur li jitħallas** – Is-Sindku; E Brincat, E Abela, M Baldacchino Cefai
**Kontra li jitħallas** – Dott. Grima; M Agius; C Selvaggi.

Il-pagament numru 53 ġie approvat.

857. M Agius qal li f'laqgħa minnhom is-Sindku kien qal li ma kienx hawn interruzjonijiet waqt il-laqgħa, umbgħad ikkonferma li kien hawn, umbgħad id-Dipartiment kien naqqas €150 fondi mill-Kunsill fuq ksur ta' proċedura, u issa ressaq dan il-kont b'dan il-mod. M Agius qal lis-Sindku jirikonsidra l-pożizjoni tiegħu bħala Sindku fil-Kunsill Lokali Msida.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

858. Dott. Grima qal li diġa ittieħet vot li wera li s-Sindku ma hux qed imexxi b'mod etiku, u fid-dawl ta' dan kollhu talbu ukoll jirikonsidra l-pożizjoni tiegħu bħala Sindku.

859. C Selvaggi qal li din materja oħra bħal tar-rampa ta' Triq Censu Farrugia, fejn persuna oħra qegħda tallega illi s-Sindku taħ permess biex jibni rampa fuq il-bankina u t-triq b'mod illegali, u li issa s-Sindku qed jinnega kollox.

860. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazjoni. M Baldacchino ssekondat. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, M Baldacchino u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 10 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati

861. **Kumitat Offerti Publiċi** – Il-Kunsill qabel li tintgħażel l-offerta tas-Sur Joseph Demarco għas-servizz ta' *Contracts Manager*, u li jibda mill-ewwel ta' Diċembru 2010. Dwar il-kuntratt ta' knis waranofisnhar, il-Kunsill qabel li tintgħażel l-offerta ta' SRF Cleaning Services peress li dan il-kuntrattur dejjem wera effiċjenza fis-servizzi tiegħu lejn il-Kunsill tal-Imsida.

862. **Sotto-Kumitat għall-Anzjani** – E Abela qal li bħal ma jiġri s-soltu, fl-ikla tal-Milied għall-anzjani ser jiġu mistiedna l-istaff biex jattendu.

863. **Sotto-Kumitat Ġonna u Ambjent** – C Selvaggi qal li l-Kumitat irringrazja lil E Brincat għal ħidma tiegħu fuq l-*embellishment* propost fi Triq Victor Denaro.

Punt 11 Affarijiet oħra jekk Urġenti

864. Is-Sindku qal li hemm bżonn issir bollard quddiem 36 Triq il-Knisja u bollard oħra quddiem l-uffiċini ġodda tas-Social Service. Sabiex issir laqgħa ma Transport Malta dwar Timed Parking/Residential Parking u sleeping police fi Triq il-Makna tas-Serrar kantuniera ma Tirq Antonio Bosio.

865. M Baldacchino qalet li għanda issir attivita għal persuni b'diżabilta mill-Kunsill Lokali, ħarġa għat-tfal għal żmien il-Milied u talbet li isir *line marking* fi Triq Garcin.

866. M Agius qal li hemm bżonn patching fi Triq Mons. Innocenz Zammit.

867. C Selvaggi qal ukoll li hemm bżonn patching quddiem il-Junior College.

868. M Agius propona, biex isir *testimonial* mill-Kunsill dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv, sabiex dan jiġi publikat f'magazine li ser jiġi publikat mid-Dipartiment tal-Public Policy tal-Universita ta' Malta.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

869. Dott Grima qal li residenti ta' Triq St Venera qed jilmentaw li qed jidħlilhom l-ilma tax-xita fid-djar; biex jinbidlu il-bozzoz fil-fanali ta' quddiem Arcidiacono; u sabiex isir double yellow line fi Triq San Lwigi viċin fejn toqgħod il-Viċi-Sindku.

870. C Selvaggi talab biex titnaddaf b'xi mod dik l-għalqa fi Triq l-Irmiġġ avolja mhux responsabilta tal-Kunsill, u biex isiru żewġ sleeping police fi Triq Nazju Falzon kantuniera ma Triq l-Universita u oħra qabel Triq tal-Hriereb.

871. E Brincat ressaq biex kull Kunsillier jikteb rapport dwar il-ħidma tad-dekasteru tiegħu; sabiex isir traffic management fi Triq Misraħ il-Barrieri u biex jsir *filing cabinet* kbir għal Kunsill Lokali.

Punt 12 Aġġornament

872. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 14 ta' Diċembru 2011.

873. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.30

Approvati llum ______________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com